**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Steve Azzopardi**

Kumpilazzjoni Numru: 431/2013

Illum, 13 ta' Lulju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Steve Azzopardi, iben David u Helen nee' Attard, imwieled fid-19 ta' Awwissu, 1974 u residenti 'Satori', Triq l-Isperanza, Mosta, detentur ta' karta tal-identita' 406374(M):

Talli fit-3 ta' Lulju 2012, ghall-habta tas-14:00 hrs gewwa Triq il-Marfa, Mellieha:

1) Saq vettura bin-numru EBM-581, b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza u (c) u bla kont;

2) B'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura nru OOO-848 w involontrarjament ikkanguna hsara ghad-dannu ta' Robert Spiteri;

3) U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Robert Spiteri skont kif iccertifika Dr Neville Aquilina MD Reg 2807 mill-isptar Mater Dei;

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

1. Fl-artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta′ Lulju 2012 fi Triq il-Marfa, Mellieha bejn il-karozza misjuqa mill-imputat EBM 581 u l-karozza misjuqa minn Robert Spiteri registrazzjoni numru OOO 848. L-imputat Azzopardi qieghed jigi akkuzat (i) b′sewqan traskurat, perikoluz u bla kont; (ii) li kkaguna hsara involontarja; u (iii) involontarjament ikkaguna ferita ta′ natura gravi fuq il-persuna ta′ Robert Spiteri.

Illi inkwantu ghall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Renald Vella**[1]

*"Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali. [vide Appell Kriminali - Kol. Vol. XLIV/892 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Antoine Spiteri].*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Mifsud, iddefiniet bl-aktar mod semplici w ezawrenti l-import tat-terminu 'sewqan traskurat' komunement maghruf bl-ingliz bhala 'negligent driving'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta ghall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non*

[1] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-19 ta' Mejju, 2014

*osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*L-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar it-tmienja ta' Mejju, 1971 fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Mamo, ukoll ta definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:*

*"Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissugerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l-prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn."*

*Issa, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Tanya Sacco l-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1986, qalet li anke jekk persuna ghandha d-dritta xorta wahda ghandha zzomm a proper look out ghal kull incident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat.*

*Illi gie ritenut mill-Qrati taghna accident jista' minnu nnifsu jidher li aktarx gara minhabba htija ta' persuna milli ghal kawzi ohra.*

*Hawnhekk fuq il-bazi tal-principju ta' res ipsa loquitur, jaqa' fuq dik il-persuna l-piz biex juri li f'dak li gara ma kellux htija. [vide Il-Pulizija vs Nazzareno Farrugia - Vol. XXXIII - pg. 968]*

*Intqal wkoll li jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostiwixxu dak li 'in subiecta materia' jissejjah 'res ipsa loquitur' "in such circumstances the facts speak for themselves, if no explanation is given by the defendant". [Davies f'Law of Road Traffic citat b'approvazzjoni fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Cassar Desain deciz nhar it-tlettax ta' Jannar, 1962).*

*X'hinu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mill-ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.*

*Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*

*1. la volontarieta dell'atto;*

*2 la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*

*3 la possibilita di prevedere.*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Mifsud, il-Qorti enuncjat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta'sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:*

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni*

*ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu*

*riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom.Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950)."*

Illi jibda biex jinghad li Robert Spiteri sofra ksur f'wahda mill-ghadam tal-id u kellu jsirlu l-gibs. Din l-ghadma hija rqiqa hafna u tista' tinkiser b'daqqiet ta' kull forma ghaliex hija fragli. Gie ccertifikat mill-espert nominat li Spiteri ghandu dizabilita' ta' 2%.

Mill-provi prodotti jirrizulta li d-dinamika tal-incident kienet li l-imputat meta spicca mill-Mellieha Bay Hotel kellu l-htiega li jmur lejn ic-Cirkewwa u kwindi ried jaqsam il-karreggjata fuq in-naha opposta tat-triq. Dan seta' jaghmlu billi f'dik il-parti tat-triq il-karozzi li jridu jmorru lejn ic-Cirkewwa mill-hotel setghu jiksru 'l fuq in vista li kien hemm *a broken central double line.* Dan naturalment jinkombi fuq is-sewwieq li se jwettaq tali manuvra aktar attenzjoni u diligenza fis-sewqan tieghu. F'dan il-kaz l-imputat jixhed li waqaf fuq l-istop-sign sabiex jesplora t-triq u ma saqx qabel ma kien cert li ma kienux gejjin karozzi. Imbaghad hareg minn fuq l-istop-sign, bdew hergin u kif qabzu nofs it-triq u bdew iduru l-imputat jixhed li sema' hsejjes ta' tyres. L-imputat ma rax lil Spiteri ghaliex l-imputat ighid li kien qieghed ihares 'il quddiem izda rah gej mill-genb u Spiteri hadu fuq il-kantuniera fuq in-naha tax-xufier u bid-daqqa l-karozza tal-imputat daret thares faccata 'l quddiem.

Min-naha tieghu Robert Spiteri jixhed li huwa u niezel mill-Armier ghal Mellieha Bay Hotel *"rajt karozza taqbez just over the line hekk wieqfa, jiena mort on the outside lane u l-akrozza giet ghal go fija u tefghatni ghal gol-hajt l-iehor"*. Robert Spiteri jixhed li l-karozza haditu gol-genb tal-front mudguard.

Min-naha l-ohra x-xhud Tara Maree Vella li kienet passiggiera flimkien mal-imputat xehdet testwalment *"Konna weqfin, stennejna l-karozza kollha jghaddu, x'hin rajna li ma baqghax karozzi nezlin hrigna minn fuq l-istop-sign, qsamna s-central strip u konna qeghdin fuq il-lane l-ohra. F'daqqa w il-hin nisimghu brake u dahlet karozza fina n-naha tal-mudguard, in-naha tad-driver u l-karozza baqghet diehla kwazi gol-hajt, l-ohra"*. Hija tixhed li huma kienu diga' qasmu s-central strip biex jitilghu 'l fuq u kienu ghalhekk diga' bil-karozza gol-karreggjata f'postha mexjin id-direzzjoni lejn ic-Cirkewwa. Jirrizulta li l-karozza tal-imputat sofriet hsarat konsiderevoli.

Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti u d-dokumenti processwali tqis li l-versjoni moghtija minn Robert Spiteri hija dik l-aktar veritiera. Partikolarment, il-Qorti tirreferi ghall-versjoni moghtija *a tempo vergine* mix-xhud Tara Maree Vella dakinhar tal-incident meta ddikjarat *"konna ilna nistennew biex nohorgu, kif rajna li kollox clear, beda hiereg u f'daqqa wahda gara l-incident"*. Din id-dikjarazzjoni tikkombaca ma' dak li xehed Robert Spiteri fix-xhieda tieghu viva voce u dak li ddikjara dakinhar tal-incident. Huwa evidenti ghalhekk li l-imputat ma kienx ghadu qasam ghan-naha l-ohra tat-triq u kwindi huwa invada l-karreggjata tal-parte leza. Il-Qorti se tiskarta dak li ddikjara l-imputat a tempo vergine billi ma jirrizultax li kien inghata d-debita twissija skont il-ligi.

Jirrizulta ghalhekk li ghal dan l-incident jahti unikament l-imputat billi ma esplorax it-triq sewwa kif kien jinkombi fuqu. D'altronde' dan l-incident seta' gie facilment evitat billi minflok jaqsam zewg karreggjati u jmur fuq il-parti opposta tat-triq l-imputat seta' saq ftit aktar 'il quddiem lejn id-direzzjoni Ghadira u jdur mar-roundabout li qeghda ftit metri 'l boghod biex ikun jista' jmur lejn ic-Cirkewwa. Id-difiza ssostni li Spiteri kien qieghed isuq b'certu velocita' billi fejn gara l-incident hemm nizla. Filwaqt li mhux eskluz li Spiteri seta' kien qieghed isuq b'certu velocita' billi n-nizla taghti certu momentum lill-karozza, madankollu da nil-fattur zgur ma kienx il-kawza prossima tal-incident.

Stabilit dan, din il-Qorti tqis li l-imputat saq b'negligenza izda mhux b'mod perikoluz jew bla kont. Kwindi l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet gew ippruvati izda inkwantu ghall-ewwel imputazzjoni l-imputat qieghed jinstab hati biss ghal sewqan negligenti.

It-tieni imputazzjoni ma gietx ippruvata billi mhux sorretta mill-provi prodotti.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-c-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah, wara li rat l-artikoli 218 u 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni inkwantu tirreferi ghal sewqan traskurat izda mhux mhux qed issibu hati ghal sewqan perikoluz u bla kont u kwindi tilliberah minn tali addebiti u ssibu wkoll hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €800 liema multa f'kaz ta' nuqqas ta' hlas hija konvertibbli fi prigunerija.

Inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal tmint ijiem. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat